KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħamsin (50)

## It-Tlieta, 10 ta' Lulju, 2018

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:00pm ta' filgħaxija. (Il-Laqgħa bdiet fis-6:00pm minħabba quroum)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Zgħażagħ |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**50.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u l-Kunsillier Micheal Camilleri informaw li ma jistawx jattendu. Dawn ġew skużati minn dawk preżenti.

**50.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-tmienja u erbgħin (48) laqgħa tas-17 ta' Mejju, 2018 u tad-disgħa u erbgħin (49) laqgħa tat-28 ta' Mejju, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Is-Sindku innota li inbiddlet ftit l-iskeda tal-pagamenti minn naħa tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u li d-*Direct Approved* (DA) li kienet staqsiet fuqha l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar qeda ukoll f'din l-iskeda fil-parti tal-paġna isfel.

**50.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Gozo Alive*** – is-Sindku innota li din l-attivita' kienet ta' suċċess. Is-Sindku innota ukoll li kien hemm il-ħsara fid-dawl tas-shelter u dan ma setax ikun miftuħ għall-Pubbliku. Meta ikollna ċertifikat mingħand il-Perit li sar ix-xogħol kif suppost fuq id-dawl imbgħad jitħallsu l-kontijiet. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel suġġeriment biex id-dawl jiġi applikat fuq il-fondi tal-UIF. Is-Segretarja ser tara fuq dan peress li dan huwa xogħol diga' lest u mhux proġett ġdid. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa ukoll li jitpoġġa għamara antika u oġġetti fis-shelter.

***Ambaxxatur Żgħażagħ*** – Is-Sindku innota li din ser tkun l-aħħar laqgħa għal Luke Galea. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera faħħru x-xogħol u d-dedikazzjoni li kellu waqt iz-zmien li serva ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u li għen ħafna fl-attivijiet li għamel il-Kunsill. Luke Galea irnexxilu ukoll iwaqqaf 'Nadur Nadif' li zgur ser jibqa' għaddej b'indafa u awareness għal aktar indafa fin-Nadur. Luke Galea irringrazzja lil-Kunsill ta' din l-opportunita' li tgħallem ħafna minnha u din l-esperjenzja ser tibqa' parti minn ħajtu. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġerit li noħorġu ċertifikat lil Luke Galea.

***Cicciano*** – Is-Sindku innota li l-Pro Loco ġejjin għal Wine Festival 2018.

***Kawża DC Cocco Palmeri –*** Is-Sindku innota li din il-Kawża li kienet ilha ġejja inqatet u kien qed jirrappreżenta lil Kunsill Dr. Chris Said. L-Avukat Refalo li kien qed jirrappreżenta lil familja

Camilleri għamel talba lil Kunsill biex jikkunsidra iħallas parti mill-ispejjeż tiegħu. Is-Sindku għamel mozzjoni biex din it-talba tigi rrifjutata. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issekonda din il-mozzjoni u l-Kunsilliera preżenti Dr. Rita Mifsud qablet ukoll ma din il-mozzjoni.

**50.4. Korrispondenza.**

(6212) Ċirkulari Akl 2018/055-Energy Management Local Training and Networking Event

(6213) Ċirkulari AKL2018/049-Seminar Vjolenza Domestika

(6214) PQ 5723

(6215) E mail mingħand The Gozo Business Chamber dwar Leveraging EU Funds Gozo Seminar

(6216) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-Knisja dwar kolloborazzjoni mal Kunsill.

(6217) Local Councils Procurement Policy note –duration of contracts for recurrent services as per article of the Local Councils Act

(6218) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar applikazzjonijiet ġodda għas-servizzi tal-Kummissjoni għad-drittijiet ta' persuni b'Dizabilita'

(6219) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Business breakfast in Gozo- Europe for Citizens Programme 2014-2020

(6220) Ċirkulari AKL2018/060- Bipolar Awareness

(6221) PQ no. 6151

(6222) E mail mingħand Ministry for the Economy, Investment and Small Business rigward Premju Ġieħ l-Artiġjant Malti 2018. Is-Sindku ssuggerixxa li tiġi applikata l-Wirja Agrarja għal dan il-Premju. Kien hemm qbil fuq dan u għandu jgħin biex timtela l-applikazzjoni s-Sur Joe Circop.

(6223) Ċirkulari AKL2018/05-Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta' tenders fuq sistema EPPS

(6224) Memo 8/2015- Ftehim Kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali/Kumitati Reġionali 2012-2016

(6225) Ċirkulari Numru SPI7/2018- Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

(6226) PQ numru 6040

(6227) SPI/2018-Lifelong Learning Courses-Additional Inf.

(6228) ĊirkAKL2018/062-Stedina –tfassil tal-Politika Nazzjonali tal-Kultura 2020-2025

(6229) Ittra mingħand Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Socjali rigward Wifi 4 EU.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6230) SPI 3/2018 - Skema Edukattiva u ta' Tagħlim

(6231) Cir Akl 2018/062 - Stedina - Tfassil tal-Politika Nazzjonali tal-Kultura 2020-2025

(6232) Local Council Procurement Policy note – Street Sweeping Tenders Issued with BPQR Criteria

**50.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ta update rigward is-sitwazzjoni finanzjarja lil Kunsilliera preżenti. Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**50.6 Mnarja 2018**

***Wirja Agrarja*** – Is-Sindku innota li se jipprezentaw il-Kavallier u Lily Said. Sar meeting ma' Josef Camilleri dwar id-disinn u sar ħafna xoħhol u kuntatti ma' nies sabiex iġibu ix-xogħol tagħhom għal din il-wirja. Is-Sindku innota li ser isir booking fil-lukanda San Andrea għal-uffiċjal tas-Segretarjat għal Wirja Agrarja u anke banner ġdida. Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex jaħsbu f'min jista' jgħin biex inzarmaw il-wirja bhala għaqdiet. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li nitolbu lil Għaqda Armar tal-Pjazza.

***Attivita' tat-Tfal*** – Is-Sindku innota li ser ikollna sponsors lil GSD u Kozmos għal snacks lit-tfal. Hu kompla jgħid li ser ikun hemm ta' Puttinu Cares ukoll b'stand tal-ħelu u jiġbru donations.

***Show taż-Żwiemel waqt il-Wirja*** –Is-Sindku innota li inxtraw il-kukkardi u ser ibierek Dun Karm l-annimali.

***Traffic Management*** – Is-Sindku innota li qed naraw li isiru tabelli mal-bus stops fejn toroq ser ikunu magħluqa minħabba festa u armar tat-toroq kif ukoll. Qed issir zebgħa tas-sinjali tat-traffiku ta' l-art taċ-ċentru minn TM u NLC.

***Pontifikal*** – Is-Sindku talab lil Kunsilliera jinfurmaw min ser jattendi.

***Triq il-Knisja*** – Is-Sindku innota li kien hemm xi residenta li ma qablitx rigward twaħħil ta' arblu ġdid f'din it-Triq. Is-Sindku iltaqa ma' din ir-residenta flimkien mal-President ta' din l-Għaqda ta' l-Armar u waslu għal-ftehim bejn iż-żewġ partijiet.

***Zgħazagh Fest*** – Is-Sindku innota li għal din l-attivita' ser jieħu ħsieb il-PA system Jason Mizzi u d-dawl dawk tal-Għarb.

***Programm Festa u kollaborazzjoni***- Is-Sindku innota li x- Xalata se isir fil- pjazzetta u ħdejn iċ-Centru. It-Tombla u l-BBQ fl-20 u 21 ta' Gunju l-Kunsill ser ikun qed jikkollabora bid-dawl u sound. Kien hemm qbil fuq dan.

***Mnarja Live 20 ta' Gunju*** – is-Sindku innota li ser ikun hemm programm speċjali tal-Imnarja 2018 bis-sehem ta' Mons. Arċipriet Jimmy Xerri, s-Sindku u f'isem il-Kumitat Festi Esterni, Joe Muscat ppreżentat minn Joe Meilak. Se jkun imxandar live stream.

***Monti 27 ta' Gunju***- Din tħassret minħabba l-armar tal-festa.

**50.7 Annual Meeting Charter 2018;**

Is-Sidku ta update rigward il-Hosting, id-delegazzjonijiet u sponsors. Is-Sindku innota li qed jaħdem fuq il-programm u qed iqassam l-*organising committee* biex kulhadd jitqassam jgħin fl-attivitajiet. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta' update tal-Mayors meeting li kien preżenti hu f'Vienna. Il-Kunsill feraħ lil Viċi Sindku, Eucharist Camilleri li ġie elett bhala membru fil-Presidium tac-Charter Ewropej tal-Komunitajiet Rurali.

**50.8 Attivitajiet, Skemi u Inizjattivi;**

***Korsijiet tas-sajf*** – Il-Kunsill ħareġ ir-reklam u l-applikazzjoni tgħalaq fl-aħħar ta' Gunju.

***Extra Waste Collection*** – Kien hemm qbil li jibqa' kollox kif inhu.

***Skema Edukattiva u ta' Tagħlim***- Il-Kunsill irċieva mid-DLG biex jiġi iffirmat dikjarazzjoni mingħand is-Sindku u s-Segretarja li l-korsijiet qed jinħargu bis-sistema tal-*Public Procurement Procedures.* Kien hemm qbil li għandha tintbgħat ittra fejn ngħidu li l-ewwel niġu awarded imbgħad noħorgu is-sejha wara kif dejjem jiġri anke fl-applikazzjonijiet tal-EU.

***Nadur Nadif*** – Luke Galea ta update.

***Muzew Marittimu*** – Is-Sindku innota sar ħasil minn naha tagħna ghal Gozo Alive. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jgħin fl-indafa u fir-reklamar tal-Muzew Marittmu matul is-sena. Kien hemm qbil fuq dan.

***World Cup Event*** – is-Sindku innota li din l-attivita' ser issir fit-3 ta' Lulju fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Din ser tkun irrappreżentata min Daniel u Sander u tixxandar Live fuq TVM.

***Session ALS grawnd Nadur***. Is-Sindku innota li din l-attivita' kienet ta' suċċess kbir u inġabru l-ammont ta' 850euro għal ALS.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Xandriku Fest*** – Ġie maqbul li din terga issir bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta' 500euro.

## 48.11 Proġetti u Xogħolijiet Oħra

***Offerta Pubblika Triq Żrajk*** – Is-Sindku innota li qed nistennew li tinħareġ l-LA u imbgħad jibda ix-xogħol.

***Triq il-Qortin***: Is-Sindku innota li ser jibda ix-xogħol daqt f'din it-triq.

***M4.3 Rural Roads***: Is-Sindku innota li qed nistennew permessi u l-LA minghand il-WSC qabel jinbed ix-xogħol f'dawn it-toroq. Is-Segretarja innotat li irċieviet telefonata mingħand il-kuntrattur taljan li ma kienx mgħazul minhabba li ma kienx konformi. Dawn kellhom għaxar tijiem biex jagħmlu appell u gew informati permess ta' ittra bis-sistema tal-e-tendering. Is-Segretarja informat lil dan il-Kuntrattur li r-ragunijiet għalfejn ma kienx konformi tpoġġew ukoll fuq din is-sistema tal-e-tendering.

***UIF Funds***: Is-Sindku innota li daħħalna l-applikazzjonijiet tat-turf tal-grawnd, safety mats tal-playing fields u outdoor gym fil-Belveder DC Cocco Palmeri.

**Xogħol ieħor:**

Ġonna – Is-Sindku innota li qed tkompli maintenance fuq ta' Kenuna fejn trangaw tabelli u anke Ġnien il-Kunsill sar zebgħa fl-equipment u bankijiet. Anke San Blas inbidlu it-tabelli. Aktar xogħol ser isir fil-gimgħat li ġejjin. Kien hemm qbil.

Is Sindku innota li ser isir xi xogħol ta' zebgħa fil-latrina ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil.

Is-Sindku issuġġerixxa li jiġu applikati ir-railings ta' Kenuna taħt il-fondi tal-UIF.

## 48.12 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku

Għajnuna lil Museum tas-subien fil-printing bl-ammont ta' 500euro. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal double yellow line fi Triq Lazzru Pisani mingħand Rita Mifsud Attard. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal ħadida mal-bankina tal-familja Cassar fi Triq il-Knisja. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal Traffic Management fl-area ta' Grunju. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem ma' TM fuq dan.

## 48.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00 p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju fil-5:00p.m. u wara ikla.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva